MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2023

Appell Inferjuri Numru 187/2021 LM

**Mapfre Middlesea plc (C 5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Mauro Tanti abbażi tal-polza tal-assigurazzjoni u tal-liġi u l-istess Mauro Tanti (220480M)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**L-Avukat Dr Martin Farrugia u l-PL Melissa Anastasi ġew maħtura bħala kuraturi deputati b'digriet tas-7 ta' Marzu, 2023 sabiex jirrappreżentaw lil Issam Mahmoud Saam Nassim (58909L), liema kuraturi deputati ġew estromessi b'digriet tal-10 ta' Mejju, 2023**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Mapfre Middlesea plc (C 5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Mauro Tanti abbażi tal-**

**polza tal-assigurazzjoni u tal-liġi u l-istess Mauro Tanti (K.I. 220480M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'], mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tal-31 ta' Mejju, 2022, li permezz tagħha t-Tribunal ċaħad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimat **Issam Mahmoud Saam Nassim (58909L)** [hawnhekk 'l-appellat'], bl-ispejjeż kontra tagħhom.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tal-Avviż tat-Talba mressaq minnhom quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti talbu li l-intimat jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' tliet elef, ħames mija u sbatax-il Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€3,517.21), u dan in segwitu għal inċident li seħħ fit-18 ta' Lulju, 2020, meta waqt li Mauro Tanti kien qiegħed isuq ġewwa Birkirkara bil-vettura targata 'MAURO', ħaddiema u/jew lavranti tal-intimat waqqgħu xi żrar minn sit tal-kostruzzjoni fuq il-vettura tiegħu. Il-vettura in kwistjoni kienet koperta b'polza tat-tip *fully comprehensive* maħruġa mis-soċjetà rikorrenti, li għamlet tajjeb għad-danni sofferti mill-assigurat tagħha fl-ammont ta' €3,517.21 filwaqt li l-*excess* ta' €90 tħallas mir-rikorrent Tanti nnifsu. Ir-rikorrenti qalu li l-inċident seħħ unikament tort tal-intimat, *ai termini* tal-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk talbu lit-Tribunal jiddikjara li l-intimat huwa unikament responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, li ġew ikkaġunati minħabba traskuraġni u negliġenza da parti tal-intimat, jew ta' persuna jew persuni taħt l-inkarigu tiegħu; kif ukoll talbu lit-Tribunal jillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' €3,571.21, li

minnhom €90 huma pagabbli lil Mauro Tanti personalment, b'ordni lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata.

**Mertu**

3. Quddiem it-Tribunal xehed **Andrew Pizzuto**, *Claims Manager* mas-soċjetà rikorrenti, li qal li l-assigurat kien Mauro Tanti li kellu vettura tal-għamla Mercedes C Class assigurata mas-soċjetà Melita Unipol Insurance Agency, aġenta tal-Mapfre Middlesea. Ix-xhud qal li l-*claim* saret l-għada li seħħ l-inċident, u l-informazzjoni li ngħatat lill-kumpannija assiguratriċi kienet li waqa' xi żrar minn sit tal-kostruzzjoni għal fuq il-vettura tal-assigurat. Qal li Tanti ħallas €90 bħala *excess,* u wara li saret il-*claim,* intbagħat *surveyor* sabiex jara l-vettura u jħejji s-*survey.* Qal li s-soċjetà rikorrenti awtorizzat it-tiswija tal-vettura, u wara li waslu l-*parts* u sar ix-xogħol mill-mekkanik u mill-*isprayer,* dawn tħallsu wkoll.

4. **WPC 11 Zenia Azzopardi** xehdet quddiem it-Tribunal li hija kienet xogħol l-għassa ta' Birkirkara dakinhar li seħħ l-inċident, meta mar l-għassa Mauro Tanti biex jirrapporta ħsarat li ġarrab fuq il-vettura tiegħu. Qalet li r-rikorrent kien għaddej minn Triq l-Imsida, Birkirkara, meta ħass ġebel żgħir jaqa' fuq il-vettura tiegħu, u hekk kif waqaf innota li kien hemm xogħlijiet ta' kostruzzjoni għaddejjin, u ra xi persuni f'dan is-sit iħarsu fid-direzzjoni tiegħu. Tanti rrapporta li dawn il-persuni niżlu isfel b'barmil ilma sabiex jaħslu l-vettura, iżda huwa waqqafhom għaliex ma kienx jaf xi ħsara kien hemm fuq il-vettura tiegħu. Tanti qal li dawn il-ħaddiema barranin ħarbu minn fuq il-post hekk kif semgħu li kienu

ser jissejħu l-Pulizija. Ix-xhud qalet li hija kisbet informazzjoni dwar min kien l-kuntrattur li kien qiegħed jaħdem fuq is-sit, ċjoé Issam Mahmoud Saam Nassim sive Marco, bagħtet għalih, u dan min-naħa tiegħu qalilha li kien diġà jaf x'kien ġara, u li kien "ser jieħu ħsieb" min-naħa tiegħu.

5. **Mario Cumbo**, *surveyor* mas-soċjetà rikorrenti, xehed quddiem it-Tribunal li l-vettura li spezzjona kienet Mercedes tat-tip C class 2015, li kellha ħsara li ġiet minn materjal u ġebel li waqa' fuq il-vettura. Qal li l-ħsara kienet fuq is-saqaf u f'diversi partijiet oħra tal-vettura.

6. Ir-rikorrent **Mauro Tanti**, l-assigurat tas-soċjetà rikorrenti, xehed quddiem it-Tribunal li fil-ħin li fih seħħ l-inċident huwa ma kienx fil-vettura waħdu, iżda kien mas-sieħba tiegħu u t-tifla. Qal li fit-triq dak il-ħin kien hemm traffiku ieħor, u f'ħin minnhom ħass diversi oġġetti neżlin fuq il-vettura tiegħu. Qal ukoll li kif ħareġ mill-vettura ra li kien hemm sit tal-kostruzzjoni, u beda jgħajjat, sakemm ħareġ ħaddiem li mar fuqu bi flixkun tal-ilma biex ilaħlaħ il-vettura. Qal li dak il-ħin huwa kien diġà ċempel il-Pulizija, li talbuh imur jagħmel rapport. Qal li x'ħin informa lil dan il-ħaddiem li fuq il-post kienu ser imorru l-Pulizija, huwa ma rahx aktar. Qal li meta mar l-uffiċċju tas-soċjetà rikorrent, intalab iħallas €90 *excess,* sar is-*survey,* u tħallas tal-ispejjeż. Ir-rikorrent esebixxa diversi ritratti sabiex juri l-istat li kienet fih il-vettura wara l-inċident.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

7. It-Tribunal ta d-deċiżjoni tiegħu fil-31 ta' Mejju, 2022, fejn ċaħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Provi ppreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*Jirriżulta inkontestat mid-depożizzjonijiet tax-xhieda li fid-data indikata fl-Avviż tat-Talba, il-vettura tal-għamla Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni MAURO, kienet qed tinstaq f'Birkirkara minn sidha, Mauro Tanti. Ħin bla waqt bdiet nieżla xita ta' żrar fuq il-vettura. Tanti waqqaf il-vettura minnufih u dan kien ħdejn binja li kienet għadha qed tinbena. Hemmhekk, iltaqa' ma' persuna ta' ġilda skura u sussegwentement, mar jagħmel rapport f'Għassa tal-Pulizija u kellem lill-assigurazzjoni tiegħu.*

*In kontro-eżami, Tanti qal li ma kienx jaf isem il-persuna ta' ġilda skura.*

*It-Tribunal qara sewwa r-rapport tal-pulizija, partikolarment dik il-parti tar-rapport a fol. 11 tal-proċess, u fehem hekk:*

- *Meta marru fuq il-post PC 140 u PC 766, dawn tkellmu mal-ħaddiema li kien hemm, il-ħaddiema kkonfermaw li fil-ħin tal-inċident kienu qed jagħmlu xi xogħol bir-ramel u xi ramel waqa' għal isfel;*
- *Il-ħaddiema ġew mistoqsija mill-pulizija min kien il-kuntrattur, u dawn qalulhom li kien bniedem jismu Marco. Irriżulta li l-kuntrattur kien il-konvenut li qal li huwa magħruf bħala Marco. Dan ovvjament ifisser li fil-ħin tal-inċident, il-konvenut ma kienx preżenti fuq il-post u żgur ma kienx hu li waqqa' ż-żrar fuq il-vettura danneġġjata.*
- *Fil-fatt, ir-rapport jgħid ċar li l-konvenut, magħruf bħala Marco, kien diġà ġie nfurmat mill-ħaddiema x'kien ġara. Dan ikompli jikkonferma li huwa ma kienx fuq il-post meta waqa' ż-żrar u għalhekk żgur li ma kienx hu li waqqgħu.*

*F'din il-linja ta' ħsieb, it-Tribunal jiċċita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Air Malta plc et vs Malta International Airport plc** (deċiża fit-30 ta' Settembru, 2016) li fiha ntqal:*

"Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna li biex tirnexxi azzjoni għad-danni kkawżati minn delitt jew kważi delitt, mhux biżżejjed li l-attur jipprova li sofra xi ħsara fil-proprjetà tiegħu, iżda jeħtieġ li jipprova li dik il-ħsara tkun ġejja mill-aġir tal-konvenut jew li dan b'xi mod ikkontribwixxa għaliha (ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-23 ta' Novembru, 1984, fil-kawża fl-ismijiet Piju Bezzina v Indri Galea)."

*Għalhekk, sabiex tirnexxi din l-azzjoni, irid jiġi ppruvat mhux biss li seħħet ħsara fil-proprjetà tal-attur, iżda anke li din il-ħsara seħħet b'riżultat tal-aġir tal-konvenut.*

*F'dan il-każ, billi l-konvenut lanqas biss kien preżenti, huwa ovvju li ma jistax jinstab responsabbli għall-ħsara li saret. Anki kieku wieħed kellu jargumenta li hu kien l-kuntrattur u għalhekk responsabbli għall-ħaddiema tiegħu, huwa osservat li dak mhuwiex argument. Ma jirriżultax illi l-konvenut kellu* culpa in eligendo *jew* culpa in vigilando*. Il-fatt li ma kienx hemm f'dak il-mument ma jfissirx illi ma kienx jissorvelja x-xogħol u lanqas ġie ppruvat illi l-ħaddiema tiegħu kienu inkompetenti.*

*F'dan il-każ, messu ġie mħarrek bħala konvenut il-ħaddiem li attwalment kien qiegħed juża r-ramel jew żrar u ħalla tali żrar jaħrab mill-kontroll tiegħu b'mod li waqgħet xita ta' żrar fuq il-vettura relattiva. Bir-rispett kollu, għaliex ma ttellgħux jixhdu PC 140 u PC 766 sabiex jgħidu eżattament min kienu l-ħaddiema sabiex se mai dawn setgħu jiġu msejħin fil-kawża?*

*Billi ma ġiex ippruvat li l-konvenut jaħti għall-inċident relattiv, it-Tribunal ser jgħaddi biex jiċħad it-talbiet kollha tal-atturi.*

***<u>Decide</u>***

*Għaldaqstant, wara li ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u wara li sema' lix-xhieda, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet kollha tal-atturi.*

*L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-atturi."*

## <u>L-Appell</u>

8. Ir-rikorrenti ħassewhom aggravati bis-sentenza appellata u ressqu r-rikors tal-appell tagħhom fl-20 ta' Ġunju, 2022, fejn talbu lil din il-Qorti tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata, u konsegwentement tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom.

9. L-appellanti spjegaw li huma ħassewhom aggravati għaliex it-Tribunal ċaħad it-talbiet tagħhom wara li qies li ladarba l-appellat ma kienx preżenti fuq il-lant tax-xogħol fil-ħin tal-inċident, huwa ma jistax jinżamm responsabbli għall-akkadut. L-appellanti għamlu riferiment għal dak li ġie ddikjarat mit-Tribunal fis-

sentenza appellata, li fil-każ odjern ma kienx hemm *culpa in eligendo* jew *culpa in vigilando,* għaliex il-fatt li l-intimat ma kienx fuq il-post fil-ħin tal-inċident, ma jfissirx li ma kienx qiegħed jissorvelja x-xogħol, u lanqas ma ġie ppruvat li l-ħaddiema tiegħu kienu inkompetenti. L-appellanti qalu li huma ma jaqblux ma' din l-affermazzjoni, u qalu li l-appellat għandu jirrispondi għall-aġir tal-impjegati tiegħu. Qalu li mill-provi jirriżulta li l-appellat kien il-kuntrattur responsabbli mis-sit ta' kostruzzjoni u mill-materjal li waqa' mill-istess sit u li kkaġuna l-ħsara fil-vettura ta' Tanti. L-appellanti qalu li l-liġi tagħna għandha tiġi aġġornata sabiex ir-responsabbilità tal-kommittent jew tal-prinċipal tiġi statutorjament ridefinita u titneħħa l-enfasi żejda għal dik li hija l-konnessjoni tal-ħtija mal-għażla tal-inkarigat jew tad-dipendenti, sabiex il-liġi tagħna tikkonforma mal-liġijiet ta' pajjiżi oħra. L-appellanti qalu wkoll li l-appellat ma kkontestax it-talbiet tagħhom għaliex huwa ma kienx responsabbli billi ma jissussistux l-elementi tal-*culpa in eligendo,* iżda illimita ruħhu billi qal li l-inċident seħħ minħabba ċirkostanzi indipendenti minnu. Qalu li l-appellat ma ressaq l-ebda prova dwar fhiex kienu jikkonsistu dawn iċ-ċirkostanzi, u anzi ma ressaq l-ebda provi ta' xejn quddiem it-Tribunal.

10. Fit-tieni aggravju tagħhom l-appellanti qalu li t-Tribunal naqas milli jieħu konsiderazzjoni tal-fatt li l-obbligu li s-sit jiġi reż sigur, b'tali mod li l-materjal tal-kostruzzjoni jew oġġetti simili ma jaqgħux fit-triq b'riskju għal min ikun għaddej, kien jispetta lill-kuntrattur responsabbli mis-sit. Qalu li dan kien obbligu li l-appellat naqas li josserva, u għalhekk hawn non si tratta ta' *culpa in eligendo* iżda hemm ir-responsabbilità diretta tal-intimat.

11. Fit-tielet aggravju tagħhom, l-appellanti jgħidu li WPC 11 Zenia Azzopardi xehdet quddiem it-Tribunal li l-appellat kien jaf b'dak li kien seħħ, u wiegħed li kien ser jagħmel tajjeb għad-danni. Qalet li mill-provi prodotti u li ma ġewx ikkontestati, irriżulta bl-aktar mod ċar u inekwivoku li l-appellat kien assuma responsabbilità għall-akkadut, u kien assikura lill-Pulizija li kien ser jagħmel tajjeb għad-danni.

12. Permezz tar-raba' aggravju tagħhom, l-appellanti saħqu li t-Tribunal għandu japplika l-artikolu 7 tal-Kap. 380, u għandu jiddeċiedi skont l-ekwità, li jfisser li m'għandux jintilef wara formaliżmu żejjed, iżda għandu jkun flessibbli fejn tidħol l-ekwità.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

13. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li huwa ilu żmien twil hawn Malta u sar jaf bil-proċeduri odjerni b'kumbinazzjoni, u in vista ta' dan talab li jiġu estromessi l-kuraturi deputati a spejjeż tal-appellanti sabiex huwa jkun jista' jassumi l-atti personalment u jintavola r-risposta tiegħu. Qal li t-Tribunal iddeċieda li huwa mhux responsabbli għad-danni kkaġunati fl-inċident, għaliex fil-ħin tal-inċident huwa ma kienx preżenti fuq is-sit tal-kostruzzjoni, u għalhekk ma jistax jinżamm responsabbli għall-akkadut.

14. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanti, l-appellat qal li l-fatt li huwa ma kienx fuq is-sit, ma jfissirx li huwa ma kienx qiegħed jissorvelja x-xogħol, u lanqas ma ġie ppruvat li ħaddiema tiegħu kienu inkompetenti jew li kien xi ħaddiem tiegħu li waqqa' ż-żrar fuq il-vettura tal-appellat. Qal ukoll li ma

nġabet l-ebda evidenza li l-persuni li kienu fuq is-sit fejn seħħ l-inċident kienu ħaddiema tiegħu.

15. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanti, l-appellat qal li minkejja dak li jsostnu l-appellanti, il-ġurisprudenza ewlenija tagħna tgħallem illi l-liġi teskludi appell fuq apprezzament ta' fatt.

16. Rigward it-tielet aggravju, L-appellat qal li mhux minnu li t-Tribunal injora għal kollox dak li xehdet WPC 11 Zenia Azzopardi. Ix-xhieda li tat din ix-xhud ma tirrispekkjax għal kollox dak li seħħ dakinhar tal-inċident. Qal li pjuttost ix-xhieda tagħha hija waħda personali u li tinterpreta ċ-ċirkostanzi ta' dakinhar li Mauro Tanti mar jagħmel rapport l-Għassa ta' Birkirkara, fejn l-istess Tanti ġie infurmat li jekk kien hemm ħsara fuq il-vettura, huwa kellu jipprovdi stima tal-ħsara. Qal li minkejja li huwa kien jaf li seħħet xi ħaġa mhux tas-soltu fuq is-sit tax-xogħol, huwa mkien ma aċċetta li n-nies tiegħu kienu b'xi mod responsabbli jew li kien ser jagħmel tajjeb għall-ħsara rrappurtata minn Tanti.

17. L-appellat qal li minkejja li huwa jaqbel li t-Tribunal għandu jiddeċiedi skont l-ekwità, huwa jirribatti l-argument tal-appellanti li t-Tribunal m'għandux jintilef wara formaliżmu żejjed, għaliex tali argument jista' jwassal għall-kaos. Qal li skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, huwa ritenut li l-Qorti m'għandhiex taqbad u taqleb deċiżjoni tal-Qorti tal-ewwel istanza ħlief meta d-deċiżjoni hija manifestament skorretta u waħda li l-Qorti ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għaliha, u li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti m'għandhiex tiġi ddisturbata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

18. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-appellat, u tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fis-sentenza appellata. Iżda qabel xejn il-Qorti tirrileva, in vista tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellat, li din il-Qorti tirrevedi mill-ġdid l-provi prodotti f'kull appell li jsir, mhux sabiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha ma' dik tal-ewwel Qorti jew Tribunal, iżda sabiex tiddetermina jekk tkunx saret inġustizzja manifesta mal-appellant għaliex il-provi jkunu ġew interpretati b'mod żbaljat.

*L-ewwel aggravju:* *[l-appellat għandu jwieġeb għall-għemil tal-ħaddiema tiegħu]*

19. L-appellanti qalu li minkejja li t-Tribunal iddeċieda li l-appellat m'għandu jġorr l-ebda *culpa in eligendo* jew *culpa in vigilando* ladarba ma kienx preżenti fuq is-sit, huma jikkontendu li l-appellat għandu jirrispondi għall-aġir tal-ħaddiema tiegħu. Qalet li ladarba ġie ppruvat li l-kuntrattur huwa responsabbli mis-sit, u li l-materjal li kkaġuna l-ħsara waqa' mis-sit, l-appellat għandu jwieġeb għad-danni sofferti mir-rikorrent Mauro Tanti.

20. Il-Qorti tirrileva li l-prinċipju tal-*culpa in eligendo* huwa applikabbli meta l-prinċipal iħaddem persuna li m'għandhiex il-kompetenzi meħtieġa għax-xogħol li tiġi inkarigata tagħmel, filwaqt li l-*culpa in vigilando* huwa prinċipju li jiġi applikat meta jkun hemm negliġenza da parti tal-prinċipal fis-superviżjoni

tal-impjegati tiegħu. Jista' jkun li t-Tribunal kellu raġun jgħid li ma nġabet l-ebda prova ta' *culpa in eligendo,* għaliex wara kollox ma nġabet l-ebda prova dwar il-ħiliet tal-ħaddiema li kienu qegħdin jaħdmu fuq is-sit. Iżda l-Qorti mhijiex tal-istess konvinzjoni fir-rigward tal-obbligu li kellu l-appellat li jissorvelja l-ħaddiema tiegħu, kif ukoll tal-obbligu l-ieħor li bħala l-kuntrattur responsabbli mis-sit jassigura li dan kien imħares b'mod li la ssir ħsara lil min irid jaħdem fis-sit, u lanqas lil terzi, partikolarment lil min jinzerta għaddej mit-triq. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern ġie ppruvat li l-materjal li waqa' fuq il-vettura tal-appellant Mauro Tanti, waqa' mis-sit tal-kostruzzjoni li kienu qegħdin jaħdmu fih ħaddiema inkarigati mill-appellat, li kien il-kuntrattur responsabbli mill-istess sit. Ċertament li dan kien possibbli biss jew għaliex ma kienx hemm superviżjoni kif suppost tal-ħaddiema, jew għaliex dawn ma ngħatawx taħriġ, jew il-mezzi meħtieġa biex iħarsu l-konfini tas-sit sabiex l-ebda materjal ma jaqa' għal isfel fit-triq. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa mistħoqq, u qiegħda tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *[ir-responsabbilità diretta tal-appellat]*

21. L-appellanti jgħidu li, lil hinn mill-kunċett ta' *culpa in eligendo,* fil-każ odjern kien hemm ir-responsabbilità diretta tal-kuntrattur, u għalhekk it-Tribunal kien żbaljat meta qies li dan m'għandux iwieġeb għad-danni sofferti mir-rikorrent Mauro Tanti.

22. Il-Qorti diġà rrilevat li apparti li tingħata konsiderazzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tal-prinċipju *culpa in vigilando,* wieħed irid janalizza jekk kienx

hemm obbligi oħra li l-appellat kellu jħares bħala l-kuntrattur responsabbli mis-sit, ewlieni fosthom l-obbligu li jassigura li s-sit ikun protett u mħares b'tali mod li ma jkun hemm l-ebda riskju li xi materjal jista' jaqa' għal isfel fit-triq. Il-Qorti diġà esprimiet il-fehma tagħha li dan kien obbligu li l-kuntrattur kellu josserva, u għalhekk qiegħda tilqa' dan l-aggravju wkoll.

*It-tielet aggravju:* *[l-appellat aċċetta r-responsabbilità għall-inċident]*

23. L-appellanti jikkontendu li t-Tribunal injora x-xhieda tal-uniku uffiċjal tal-Pulizija li ttellgħet tixhed quddiemu, u m'għamel l-ebda apprezzament tal-fatt li l-appellat allegatament aċċetta r-responsabbilità għal dak li seħħ u pprometta li jagħmel tajjeb għad-dannu kkaġunat.

24. Il-Qorti tqis li ladarba ma kien hemm l-ebda xhieda diretta tal-appellat dwar dak li seħħ immedjatament wara l-inċident, dak li xehdet dwaru WPC 11 Zenia Azzopardi ma jammontax għal stqarrija u ammissjoni ċara ta' responsabbilità, għaliex din ix-xhud kull ma qalet kienet li l-appellat qabel li jieħu ħsieb. Imkien ma ġie ċċarat li l-appellat aċċetta xi forma ta' responsabbilità għal dak li kien seħħ, u għalhekk in vista ta' nuqqas ta' prova ċara dwar x'kienet il-pożizzjoni tal-appellat immedjatament wara li seħħ l-inċident, il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *[il-kwistjoni tal-ekwità]*

25. L-appellanta tgħid li fi proċeduri ta' din ix-xorta t-Tribunal kien obbligat iħaddem il-prinċipju tal-ekwità, u jiddipartixxi minn formaliżmu żejjed. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li filwaqt li huwa minnu li t-Tribunal għandu jħaddem il-prinċipju tal-ekwità, m'hemm xejn li jindika li t-Tribunal ma kienx konvint li d-deċiżjoni li kien qiegħed jagħti ma kinitx waħda ekwitattiva bil-konsiderazzjonijiet li għamel dwar il-provi li kellu quddiemu. Fil-każ odjern kien hemm proċess li jirrispetta l-prinċipju tas-smigħ xieraq, tressqu l-provi mill-partijiet, l-appellat kien rappreżentat kif suppost meta naqas li jattendi, u t-Tribunal għamel il-konsiderazzjonijiet tiegħu abbażi tal-provi miġjuba quddiemu u tal-pożizzjoni li ħadet kull parti f'dawk il-proċeduri. Għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tilqa' l-ewwel u t-tieni aggravju, tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata, u għalhekk tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**